# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors maħluf numru 656/2010/1 SM**

**Simon Debono u martu Angele Debono għal kull interess li jista' jkollha**

***v.***

***Viaggio Facile s.r.l.*; u b'dikriet tas-7 ta' Novembru 2013 issejjaħ fil-kawża n-Nutar Robert John Muscat**

1. Dan huwa appell tal-konvenut imsejjaħ fil-kawża n-Nutar Robert John Muscat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Novembru 2016 illi kkundannat lill-istess appellant iħallas lill-atturi parti mid-dejn ta' tnax-il elf, ħames mija u tlieta u tmenin euro (€12,583) u l-imgħax u nofs l-ispejjeż tal-kawża. Sar appell inċidentali mis-soċjetà konvenuta, li kienet kundannata tħallas il-bqija tad-dejn u n-nofs l-ieħor

tal-ispejjeż. Sar appell inċidentali wkoll mill-atturi li jippretendu aktar minn kemm ġie likwidat fis-sentenza appellata.

2. L-atturi fetħu din il-kawża b'talba biex il-qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallashom sittax-il elf, erba' mija u wieħed u disgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€16,491.96) maqsuma hekk:

| | |
|---|---|
| »€13,976.24 | prezz ta' xogħlijiet eżegwiti mir-rikorrenti skont appalt datat is-17 ta' Diċembru 2006; |
| »€ 2,515.72 | ammont dovut lid-Dipartiment tal-*VAT*.« |

3. Talbu wkoll li l-kawża tinqata' bis-dispensa tas-smigħ, taħt l-artt. 167 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda din it-talba ma ntlaqgħetx u s-soċjetà konvenuta tħalliet tikkontesta l-kawża. Issejjaħ fil-kawża n-Nutar Robert John Muscat iżda dan baqa' kontumaċi.

4. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. takkolji t-talbiet tar-rikorrenti limitatament kif ser jiġi indikat bi preċiżjoni aktar 'l isfel;

»2 tirrespinġi r-risposti relattivi tas-soċjetà intimata;

»3. tiddikjara li l-ammont dovut lir-rikorrenti hu għalhekk ħamest elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm5,400.00), ekwivalenti għal tnax-il elf, ħames mija u tlieta u tmenin euro (€12,583.00)[1], liema somma hi komposta bil-mod segwenti:

| | |
|---|---|
| »Lm 4,000.00: | li diġà jinsabu depożitati fir-reġistru ta' din il-qorti, ekwivalenti ghal €9,320.00, liema depożitu għandu jiġi liberament żbankat mir-rikorrenti; |
| »Lm 1,400.00: | li hu ekwivalenti għal tlett elef, mitejn u tnejn u sittin euro, (€3,262.00), jitħallsu lir-rikorrenti min-nutar kjamat in kawża; |
| »€ 2,515.72: | ammont dovut mir-rikorrenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema ammont għandu jitħallas mis-soċjetà intimata lill-istess rikorrenti; |

»4. tikkundanna lis-soċjetà intimata u lill-kjamat in kawża fuq riferit biex iħallsu lir-rikorrenti l-ammonti hekk likwidati;

[1] Dan it-total ma huwiex aritmetikament korrett għax ma jinkludix l-€2,515.72 TVM li għandhom jitħallsu lill-atturi biex dawn igħadduhom lid-Dipartiment tat-Taxxa.

»5. rigward l-ispejjeż dovuti għall-proċedura odjerna tordna li dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn is-soċjetà intimata u n-nutar kjamat in kawża.«

5. Wara rikors tal-atturi tal-15 ta' Novembru 2016 magħmul taħt l-art. 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-ewwel qorti ppreċiżat is-sentenza billi ddikjarat illi s-sentenza għandha tiftiehem illi kkundannat lin-nutar imsejjaħ fil-kawża "iħallas lir-rikorrenti l-imgħax legali fuq is-somma likwidata ammontanti għal tnax-il elf, ħames mija u tlieta u tmenin euro (€12,583) u dan b'effett mit-30 ta' Ġunju 2010 sad-data tal-pagament effettiv".

6. L-ewwel qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal din is-sentenza:

»Is-soċjetà *Simon Estates Limited* ġestita mir-rikorrenti bigħet appartament … [*sc.* lis-soċjetà konvenuta] u għan-nom u in rap-preżentanza tal-istess soċjetà [*sc.* attriċi] indikata f'dan l-istess para-grafu dehret ċerta Ilona Cilia Pisani.

»Skont il-konvenju datat is-17 ta' Diċembru 2006, l-appartament *de quo* inbigħ a bażi tal-pjanti annessi mal-istess konvenju indikat fil-paragrafu preċedenti.

»Skont kuntratt t'appalt separat, ukoll datat is-17 ta' Diċembru 2006, is-soċjetà [*sc.* konvenuta] ntrabtet li tħallas lir-rikorrenti Simon Debono s-somma ta' €13,976.24 bil-modalità hemm indikata, għal xogħlijiet hemm indikati.

»Is-somma indikata fil-paragrafu preċedenti ma tinkludix l-ammont li jkun dovut fuq l-istess għall-*VAT*.

»Skont ir-rikorrenti x-xogħlijiet indikati fl-istess kuntratt t'appalt fuq indikat gew kollha esegwiti minnu skont l-istess appalt u l-ammont ta' taxxa dovuta fuq il-*VAT* fuq l-istess ammont lilu dovut għall-istess hu ekwivalenti għal €2,515.72, liema ammont għadu wkoll ma tħallasx lilu mis-soċjetà intimata.

»Skont l-istess kuntratt t'appalt in diżamina l-partijiet ftiehmu wkoll li l-ammont ta' Lm6,000.00 hemm indikat kellu jithallas bil-modalità segwenti:

»Lm 600.00: immedjatament mal-istess kuntratt t'appalt;

»Lm 1,400.00: flimkien mal-pagament għall-appartament gebel u saqaf;

»Lm 4,000.00: fi zmien ġimagħtejn minn meta il-kuntrattur jirrilaxxa ċ-ċertifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogħlijiet.

»Ir-rikorrenti jsostni li ma rċieva xejn minn dawn l-ammonti hekk pattwiti, u dan *nonostante* li l-imsemmi ċertifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogħlijiet kien debitament rilaxxat mill-perit ikkonċernat fis-17 ta' Novembru 2007.

»*… … …* l-azzjoni odjerna hi limitata mill-parametri mogħtija u stabbiliti fir-rikors guramentat promotur, senjatament kawża għall-pagamenti dovuti minn kuntratt t'appalt.

»Għalhekk il-limiti tal-azzjoni odjerna huma dawk naxxenti mill-kuntratt t'appalt fuq riferit.

»Sintetikament dan il-kuntratt t'appalt stipula is-segwenti:

> »ir-rikorrenti kien kummissjunat mir-rappreżentant tas-soċjetà intimata biex jesegwixxi x-xogħlijiet hemm elenkati;
>
> »ta' dan ir-rikorrenti kellu jigi remunerat bil-modalità hemm ukoll pattwita;
>
> »il-pagament finali kien jiddependi minn ċertifikat peritali rilaxxat fir-rigward.

»Ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata sostna is-segwenti bid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu datata l-1 ta' Marzu 2013:

> »is-Lm600.00 tħallsu fis-17 ta' Diċembru 2006;
>
> »l-Lm1,400.00 tħallsu fis-27 ta' Ġunju 2007, data tal-firma tal-kuntratt finali;
>
> »il-kumplament (Lm4,000.00) tħallsu mat-trasferiment bankarju finali;
>
> »effettivament il-pagamenti kollha hawn involuti kienu kollha saru lin-nutar kjamat in kawża.

»*In vista* tan-nota datata l-25 t'Ottubru 2013, is-soċjeta` intimata irtirat l-eċċezzjonijiet tagħha … … … fir-rigward tax-xogħlijiet esegwiti mir-rikorrenti u l-kwalità involuta fl-istess.

»*In vista* tal-premess, din il-qorti m'għandha allura xejn aktar x'tirrileva fir-rigward u tikkunsidra għalhekk li x-xogħlijiet in diżamina ġew esegwiti skont kif ikkonfermat mill-perit arkitett li irrilaxxa ċertifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogħlijiet.

»Rigward l-ewwel risposta ta' natura preliminari sollevata mis-soċjetà intimata rigwardanti l-allegata nuqqas ta' relazzjoni ġuridika tal-istess soċjetà intimata mar-rikorrenti Angele Debono, jingħad sintetikament is-segwenti:

»L-istess rikorrenti hi l-mara tar-rikorrenti Simon Debono u hi komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti;

»… … … f'dan ir-rigward partikolari hemm atti li jirrikjedu l-intervent taż-żewġ konjuġi … … … *stante* li l-konjuġi Angele Debono hi komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti tar-rikorrenti żewġha, allura għamel sew li lil martu daħħalha miegħu fil-kawża tenut kont li dawn huma kreditu tal-kommunjoni tal-akkwisti. *In vista* tal-premess din ir-risposta preliminari għandha tiġi respinta.

»Rigward tal-kjamat in kawza jingħad sintetikament is-segwenti: … … … hu kontumaċi; *nonostante* dan fin-nota skritta tiegħu isostni li hu

estraneju għall-vertenza bejn il-kontendenti prinċipali għaliex ma kellux x'jaqsam mar-relazzjonijiet kuntrattwali konklużi bejniethom.

»… … …

»Kif espressament stabbilit mill-artiklu 962 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-kjamat in kawża hu meqjuż bħala konvenut ieħor fil-proċedura li jissejjaħ fiha. … … … Il-kjamat in kawża kellu relazzjoni kuntrattwali mal-partijiet; din ir-relazzjoni ikkristallizzat ruħha meta aċċetta li jkun id-depożitarju tal-flus tas-soċjetà intimata biex jgħaddi l-istess lir-rikorrenti skont il-ftehim pattwit bejniethom.

»Is-somma komplessiva li r-rikorrenti qegħdin jitolbu għax-xogħlijiet minnhom esegwiti hi ammontanti għal Lm6,000.00. Jirriżulta li Lm4,000.00 ġew depożitati mis-soċjetà intimata għand in-nutar kjamat in kawża bħala depożitarju tal-istess soċjetà. L-istess soċjetà qatt ma tat struzzjonijiet lill-istess nutar biex jittrasferixxi dak l-ammont … … … lir-rikorrenti. Jiġi osservat f'dan is-sens li *nonostante* r-rilaxx taċ-ċertifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogħlijiet *de quo*, is-soċjetà intimata kienet għada qed tikkontesta x-xogħlijiet u ssostni li ma kinux skont is-sengħa u l-arti sa ma irrinunzjat għar-risposti tagħha fir-rigward permezz ta' nota appożita datata l-25 t'Ottubru 2013, li permezz tagħha irtirat l-istess. Konsegwenza tal-istess jirriżulta allura assodat li r-rikorrenti għadhom sal-lum ma rċevewx dawn Lm4,000.00 depożitati mis-soċjetà intimata għand in-nutar kjamat in kawża, u b'hekk għadhom dovuti lir-rikorrenti mill-istess soċjetà intimata

»Rigward il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti għandhomx jiżbankaw l-istess ammont in diżamina, … … … l-artiklu 944(1) tal-Kap 12 fuq riferit jistabbilixxi s-segwenti:

> »"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tgħid xort'oħra, l-flus hekk imqiegħda ma jistgħux jiġu żbankati, kollha jew biċċa minnhom, mingħajr ma jiġu mħarsa l-kondizzjonijiet magħmulin fiċ-ċedola ta' depożitu, ħlief jekk l-iżbank isir b'esekuzzjoni ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat jew wara kunsens espress tal-persuni interessati."

»Għalhekk il-biża' riportata mir-rikorrenti fin-nota ta' kritika tagħhom fir-rigward, li l-iżbank *de quo* jista' jigi oppost minn terzi, mhix fondata.

»Fir-rigward tal-imgħaxijiet fuq l-istess somma hawn ikkonsidrata ssir riferenza għall-artiklu 1141 tal-Kap 16 fuq riferit li tgħid:

> »"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita;
>
> »"(2) F'kull każ iehor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."

»*In vista* tal-premess, jingħad li l-imgħax involut għandu jitħallas min-nutar kjamat in kawża, u dan mid-data tar-rikors ġuramentat promotur, senjatament mit-30 ta' Ġunju 2010.

»Rigward is-Lm600.00 fuq riferita, jingħad sintetikament … … … illi skont il-kuntratt t'appalt in diżamina jirrizulta li dan l-ammont kellu jitħallas dakinhar stess tal-ftehim, senjatament fis-17 ta' Diċembru 2006. In effetti l-istess nutar kjamat in kawża jsostni fix-xiehda tiegħu li effettivament ir-rikorrenti *tramite* r-rappreżentanti tiegħu kien irċieva

> dan l-ammont "direttament" fl-istess laqgħa. *Di più*, … … … effettivament ir-rikorrenti kien irċieva l-ammont in diżamina taħt dan il-kap. *In vista* tal-premess tikkonsidra bħala debitament ippruvat li r-rikorrenti effettivament irċieva l-ammont ta' Lm600.00 hawn in dizamina. Konsegwenza tal-istess, tqis li dan l-ammont mhux dovut lir-rikorrenti.
>
> »Rigward is-somma ta' Lm1,400 fuq riferita, jingħad sintetikament … … … illi din is-somma kienet depożitata mis-soċjetà intimata man-nutar kjamat in kawża mall-firma tal-kuntratt finali. Minn eżami tal-provi kollha prodotti ma jirriżultax li n-nutar *de quo* għadda din is-somma lir-rikorrenti. Skont il-kuntratt t'appalt l-ammont *de quo* kellu jitħallas lir-rikorrenti sa ġimagħtejn wara li jsir il-kuntratt ta' bejgħ tal-appartament in kwistjoni, liema kuntratt jirriżulta li sar fis-27 ta' Ġunju 2007. … … … L-ispjegazzjoni li jagħti in-nutar kjamat in kawża mhix plawsibbli *stante* li s-somma hemm riferita kienet tirrappreżenta biss għaxra fil-mija (10%) tal-prezz u s-somma għal xogħlijiet strutturali li l-istess soċjetà intimata riedet li jsiru fl-istess appartament. Min-naħa tiegħu l-istess nutar kjamat in kawża jsostni li din is-somma tħallset lis-soċjetà *Simon Estates Limited* mal-kuntratt ta' bejgħ tal-appartament in diżamina fuq gà riferit.
>
> »… … … tistabbilixxi li f'dan ir-rigward ir-rikorrenti pprova l-pretensjoni tiegħu, u konsegwentement tqis li dan l-ammont hawn indirizzat hu wkoll dovut lir-rikorrenti unikament min-nutar kjamat in kawża u l-imgħax fir-rigward għandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors ġuramentat promotur, senjatament mit-30 ta' Ġunju 2010.
>
> »Rigward l-ammont dovut lid-dipartiment tal-*VAT* jingħad … … … illi fil-kuntratt t'appalt in diżamina datat is-17 ta' Diċembru 2006 ma jirriżulta li saret l-ebda riferenza għall-pagament dovut lid-dipartiment *de quo*. In effetti l-uniku referenza li ssir fir-rigward tirrizulta li kienet l-esklużjoni speċifika ta' dan il-pagament partikolari. Konsegwenza tal-istess għandu jkun paċifiku li l-ammont eventwalment imħallas lir-rikorrenti jkun ukoll jirrikjedi l-inklużjoni t'ammont ieħor relattiv għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud hekk dovuta, senjatament bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%), liema ammont għandu jitħallas mis-soċjetà intimata.
>
> »Tiddikjara għalhekk li s-somma ta' elfejn, ħames mija u ħmistax-il euro u tnejn u sebgħin ċentezmu, (€2,515.72), hi dovuta mis-soċjetà intimata għal dan il-kap.«

7. Sar appell min-nutar imsejjaħ fil-kawża u appelli inċidentali mis-soċjetà konvenuti u mill-atturi.

8. Nibdew bl-appell tan-nutar. L-ewwel aggravju huwa dwar il-ħlas tas-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000), illum tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin lira u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24). L-ewwel qorti emmnet illi sitt mitt lira (Lm600) tħallsu direttament lill-attriċi meta sar il-

ftehim. Erbat elef lira (Lm4,000) kellhom jitħallsu ġimagħtejn wara li jinħareġ ċertifikat ta' tlestija tax-xogħlijiet, u tħallew f'idejn in-nutar li eventwalment iddepożitahom b'ċedola fir-reġistru tal-qorti. Għalhekk jifdal bilanċ ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400) li kellhom jitħallsu flimkien mal-ħlas għall-appartament. Dawn ukoll tħallew f'idejn in-nutar, li jgħid illi dawn il-flus ħallashom lill-attriċi iżda l-qorti ma kinix sodisfatta li saret prova ta' dan il-ħlas.

9. L-appellant jilmenta illi kif il-qorti emmnitu li sar il-ħlas ta' sitt mitt lira (Lm600) lill-attriċi hekk ukoll kellha temmnu meta xehed illi sar il-ħlas tal-elf u erba' mitt lira (Lm1,400) wkoll.

10. L-oneru tal-prova tal-ħlas qiegħda fuq min igħid illi ħallas. L-ewwel qorti qieset illi l-prova tal-ħlas tas-sitt mitt lira (Lm600) saret bil-kitba tas-17 ta' Diċembru 2006, li tgħid hekk:

> »The price for the said works shall be six thousand Maltese Liri (Lm6,000) excluding VAT, which is to be paid as to Lm600 today as a deposit on account of the price, whilst the balance is to be pa!d as to one thousand four hundred Maltese Liri (Lm1,400) is to be paid concurrently with the payment for the apartment in shell form, and the final balance of four thousand Maltese Liri (Lm4,000) is to be paid within two (2) weeks that the contractor's architect issues final completion certificate.«

11. L-ewwel qorti qagħdet fuq ir-raġunament tal-perit legali maħtur minnha illi l-attur ma kienx sejjer jiffirma l-kitba li tgħid illi s-sitt mitt lira (Lm600) sejrin jitħallsu dakinhar stess likieku tassew ma rċevihomx, u għalhekk qieset illi l-prova dwar dan il-ħlas saret[2]. Dwar il-ħlas tal-elf u erba' mitt lira (Lm1,400), iżda, il-qorti qalet li ma hemm ebda prova ħlief ix-xhieda tal-

---

2 Dwar dan ir-raġunament appellaw l-atturi, iżda dan l-appell inqisuh aktar 'il quddiem, para. 26 *et seq*. *infra.*

appellant li iżda hija miċħuda mill-attur. Il-qorti qieset illi ma kienx hemm elementi ta' prova estranji għal dak li qalu l-partijiet, u għalhekk bilfors kellha toqgħod fuq il-kriterju tal-oneru tal-prova, u għalhekk sabet illi prova tal-ħlas ma hemmx.

12. Għalhekk, l-argument illi, għax il-qorti emmnet parti mix-xhieda tal-appellant, mela kellha temmnu wkoll fil-bqija ma jiswiex, għax hemm raġunijiet oġġettivi għala waslet għal dik il-konklużjoni. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant ma jressaq ebda argument ieħor ħlief dan. L-argument imsejjes fuq il-fatt illi l-perit legali għamlet żball – semmiet ċifra ta' "Lm7,333" flok "Lm733" – meta għamlet imputazzjoni tal-ħlas ta' għaxart elef, ħames mija u sittin euro (€10,560) b'*cheque* tas-7 ta' Marzu 2007 maħruġ minn *Viaggio Facile s.r.l.* huwa biss bżar fl-għajnejn għax il-ħlas ta' €10,560 ma għandu x'jaqsam xejn mal-ħlas li kellu jsir ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400), u lanqas l-appellant stess ma jallega li l-ħlas ta' €10,560 – li wara kollox sar minn *Viaggio Facile s.r.l.* u mhux minnu – jiġbor fih il-ħlas li kellu jsir minnu ta' Lm1,400. L-argument waħdieni jibqa' biss illi la twemmen f'ħaġa kellu jitwemmen ukoll f'oħra, li kif rajna, ma jiswiex għax l-ewwel qorti kellha raġuni valida għala temmnu fuq il-ħlas ta' sitt mitt lira (Lm600) iżda mhux ukoll fuq l-elf u erba' mitt lira (Lm1,400).

13. F'parti oħra tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta dwar id-deċiżjoni illi l-imgħax fuq is-somma ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400) jibda għaddej minn dakinhar tal-preżentata tar-rikors maħluf li bih infetħet il-kawża. Igħid illi, *se mai*, l-imgħax kellu jibda jgħaddi minn dakinhar tas-sentenza għax:

> »… … … l-ammont globali likwidat mill-ewwel qorti ma huwiex l-istess bħal dak mitlub fir-rikors maħluf u anke għaliex ma kienx faċilment determinabbli, speċjalment fejn jirrigwarda n-nutar appellant.«

14. L-imgħaxijiet jitħallsu għax parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor, u għalhekk ir-raġuni msemmija fir-rikors ma hijiex biżżejjed biex teħles lill-appellant mill-obbligu tal-ħlas tal-imgħax talli tellef lill-atturi l-użu ta' flushom[3].

15. Min-naħa l-oħra iżda, għalkemm ir-rikors maħluf fih talba għall-ħlas ta' mgħaxijiet, l-appellant f'dak l-istadju ma kienx fost l-imħarrkin għax issejjaħ fil-kawża biss fis-7 ta' Novembru 2013. Għalhekk l-imgħax jibda għaddej kontra tiegħu minn dakinhar li t-talba ġudizzjarja saret kontrih, *i.e.* mis-7 ta' Novembru 2013, u mhux minn meta ġie preżentat ir-rikors maħluf fit-30 ta' Ġunju 2010.

16. F'dan is-sens għalhekk sejra tintlaqa' din il-parti tal-ewwel aggravju.

17. It-tieni aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza li ordnat illi l-imgħax fuq is-somma ta' erbat elef lira (Lm4,000) jew bejn wieħed u ieħor disat elef, tliet mija u għoxrin euro (€9,320) – li l-appellant iddepożita fir-reġistru tal-qorti b'ċedola numru 967/2011 tat-2 t'Awissu 2011 – jgħaddi kontra l-appellant mit-30 ta' Ġunju 2010, dakinhar illi ġie preżentat ir-rikors maħluf. Ġà rajna, għar-raġunijiet mogħtija fuq[4], illi f'kull każ l-imgħax *se mai* għandu jgħaddi kontra l-appellant b'seħħ mis-7 ta' Novembru 2013, meta ssejjaħ fil-kawża, u mhux minn meta ġie preżentat ir-rikors maħluf. L-appellant iżda jgħid illi ma għandux jeħel imgħaxijiet għax, meta ddepożita l-flus fir-

---

3 Art. 1047(1), Kod. Ċiv.

4 Para. 15, *supra.*

reġistru tal-qorti, kien għadu ma ngħatax struzzjonijiet mis-soċjetà konvenuta biex igħaddi dawk il-flus lill-atturi għax il-konvenuta kienet għadha f'dak li-istadju tikkontesta l-kwalità tax-xogħlijiet; fil-fatt kien biss fil-25 t'Ottubru 2013 illi l-konvenuta rtirat dik il-kontestazzjoni.

18. L-appellant għandu raġun. Bħala depożitarju ma setax jitlaq il-flus favur parti jew oħra jekk ma jkollux il-kunsens taż-żewġ partijiet. Jekk hu dovut imgħax fuq din is-somma ma huwiex dovut min-nutar appellant. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa'.

19. It-tielet aggravju jolqot id-deċiżjoni li l-appellant għandu jħallas nofs l-ispejjeż tal-kawża. L-appellant igħid illi, jekk jintlaqgħu l-aggravji tiegħu, ma għandux jeħel spejjeż; fl-agħar ipotesi, l-ispejjeż ma għandhomx jinqasmu bin-nofs bejnu u s-soċjetà konvenuta iżda bl-istess proporzjon li dak li jiġi kundannat iħallas hu jkollu ma' dak li tiġi kundannata tħallas is-soċjetà konvenuta u ma' dik il-parti tat-talba tal-atturi li ma tintlaqax.

20. Dan l-aggravju nqisuh wara li nqisu l-appelli inċidentali u hekk ikun determinat x'sehem għandha teħel kull parti.

21. Ngħaddu mela għall-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta.

22. L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta jolqot id-deċiżjoni illi għandha tħallas taxxa fuq il-valur miżjud fl-ammont ta' elfejn, ħames mija u ħmistax-il euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€2,515.72), daqs tmintax fil-mija (18%) fuq sitt elef lira (Lm6,000) jew tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24), il-prezz tal-appalt.

23. L-argument hu illi

> »… … … minn imkien mill-atti ma jirriżulta illi l-atturi … … … ħargu *invoice* fiskali li jinkorpora fih l-ammont ta €2,515.72 rappreżentanti t-Taxxa tal-Valur Miżjud, u kwindi s-sentenza appellata għandha tiġi revokata f'dan ir-rigward jew talanqas modifikata b'mod illi l-esponenti tkun obbligata illi tagħmel dan il-pagament biss jekk u meta tinħareg l-*invoice* fiskali relattiva … … …«

24. Il-ftehim tal-appalt igħid illi "*the price for the said works shall be six thousand Maltese liri (Lm6,000) excluding VAT*" li jfisser illi t-taxxa trid titħallas *oltre* s-sitt elef lira. Din għandha titħallas mis-soċjetà konvenuta u, naturalment, l-atturi għandhom fl-istess waqt joħorġu riċevuta fiskali.

25. It-tieni aggravju jolqot l-ispejjeż. Għall-istess raġuni mogħtija fuq[5] dwar l-aggravju tan-nutar appellant fuq l-ispejjeż, dan l-aggravju tas-soċjetà konvenuta nqisuh wara li nqisu l-appell inċidentali tal-atturi.

26. L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-atturi jolqot is-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) li l-ewwel qorti sabet illi kienet tħallset lill-atturi. Ġà rajna[6] illi l-ewwel qorti rraġunat illi l-kitba tal-ftehim tal-appalt tgħid illi dawn is-Lm600 kellhom jitħallsu dakinhar stess, u illi l-attur ma kienx sejjer jiffirma l-kitba li tgħid illi l-flus sejrin jitħallsu dakinhar stess likieku tassew ma rċevihomx.

27. L-argument tal-atturi hu illi l-kitba tgħid illi l-prezz tal-appalt "*is to be paid as to Lm600 today … … …*" u mhux illi l-ħlas sar "qabel jew kontestwalment mal-iffirmar tal-iskrittura".

---

5 Para. 20, *supra*

6 Para. 11, *supra*

28. Dan l-argument fil-fehma tal-qorti huwa biss logħob bil-kliem u huwa fieragħ. Jekk il-kondizzjoni li ffirma għaliha l-attur kienet illi l-ħlas isir dakinhar ma kienx sejjer jibda x-xogħlijiet li kieku l-ħlas ma sarx, u lanqas ma kien sejjer jiffirma kitba li tgħid illi l-ħlas qiegħed isir dakinhar stess u jitlaq bla ma jitħallas. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

29. Fit-tieni aggravju l-atturi jgħidu illi l-erbat elef lira (Lm4,000) jew jew disat elef, tliet mija u għoxrin euro (€9,320) għandhom jeħduhom netti, mingħajr tnaqqis tal-ispejjeż taċ-ċedola.

30. L-atturi għandhom raġun. Id-depożitu kellu jsir min-nutar għax is-soċjetà konvenuta ma tatux il-kunsens tagħha biex igħaddi l-flus lill-atturi. Dan għamlitu għax kellha kontestazzjoni dwar il-kwalità tax-xogħol, iżda din il-kontestazzjoni rtiratha wara li n-nutar kien ġà ddepożita l-flus. L-ispejjeż taċ-ċedola għalhekk għandha tħallashom il-konvenuta.

31. Mela, meqjusa l-appell ewlieni u dawk inċidentali, ir-rebħ u t-telf tal-partijiet huma dawn:

    i. dwar l-elf u erba’ mitt lira (Lm1,400), jew tlitt elef, mitejn u wieħed u sittin euro u tnax-il ċenteżmu (€3,261.12) ma għandux raġun in-nutar;

    ii. dwar l-erbat elef lira (Lm4,000), jew disat elf, tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49), ma għandhiex raġun is-soċjetà konvenuta;

    iii. dwar l-elfejn, ħames mija u ħmistax-il euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€2,515.72), it-taxxa fuq il-valur miżjud, ma għandhiex raġun il-konvenuta;

iv. dwar id-differenza bejn dak mitlub mill-atturi – sittax-il elf, erba' mija u wieħed u disgħin euro (€16,491) – u dak li għandhom jieħdu – ħmistax-il elf u erbgħa u disgħin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€15,094.34)[7] – li jiġi elf, tliet mija u sitta u disgħin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€1,396.66), jew is-sitt mitt lira (Lm600) li ċaħdu li rċevew, ma għandhomx raġun l-atturi.

32. L-ispejjeż tal-ewwel grad għalhekk għandhom jinqasmu hekk: għoxrin fil-mija (20%) iħallashom in-nutar; tnejn u sebgħin fil-mija (72%) tħallashom is-soċjetà konvenuta u tmienja fil-mija (8%) iħallsuhom l-atturi.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell ewlieni u minn dawk aċċidentali billi tirriforma s-sentenza appellata:

i. tikkonfermaha fejn ordnat illi s-somma depożitata biċ-ċedola numru 967/2011 tiġi żbankata mill-atturi akkont ta' dak li għandha tagħtihom is-soċjetà konvenuta, b'dan li d-differenza bejn is-somma depożitata u l-ammont ta' erbat elef lira (Lm4,000) jew disat elef, tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49) tħallasha s-soċjetà konvenuta;

ii. tikkonfermaha fejn ikkundannat lin-nutar imsejjaħ fil-kawża jħallas elf u erba' mitt lira (Lm1,400), jew tlitt elef, mitejn u wieħed u sittin euro u tnax-il ċenteżmu (€3,261.12);

iii. tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-konvenuta tħallas lill-atturi bħala taxxa fuq il-valur miżjud is-somma ta' elfejn, ħames mija u ħmistax-il euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€2,515.72),

---

7 €3,261.12 + €9,317.49 + €2,515.72 = €15,094.34

b'dan illi l-atturi għandhom malli jsir il-ħlas jagħtu riċevuta fiskali;

iv. tħassarha fejn ikkundannat lin-nutar imsejjaħ fil-kawża jħallas imgħax fuq tnax-il elf, ħames mija u tlieta u tmenin euro (€12,583) u b'seħħ mit-30 ta' Ġunju 2010, u, minflok, tikkundannah iħallas imgħax fuq tlitt elef, mitejn u wieħed u sittin euro u tnax-il ċenteżmu (€3,261.12) (elf u erba' mitt lira (Lm1,400)) b'seħħ mis-7 ta' Novembru 2013;

v. tħassarha fejn iddeċidiet dwar l-ispejjeż u, minflok, tordna li l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu kif jingħad fil-para. 32.

34. L-ispejjeż tal-appell ewlieni tan-nutar jinqasam hekk: nofs (½) iħallsu l-appellant; sehem minn erbgħa (¼) tħallsu s-soċjetà konvenuta u s-sehem l-ieħor minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi; l-ispejjeż tal-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta tħallashom l-istess soċjetà konvenuta; l-ispejjeż tal-appell tal-atturi jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom l-atturi, sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) jħallsu n-nutar u s-sehem l-ieħor minn sitta ($^{1}/_{6}$) tħallsu s-soċjetà konvenuta.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm